MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 38/2007

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-30 ta’ Jannar, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Il-partijiet iżżewġu nhar l-erbatax (14) ta’ Diċembru tas-sena elf, disa’ mija u disgħin (1990) (*vide* Dok. ‘A’).

2. Miż-żwieġ tal-partijiet twieldu żewġt itfal minuri, X ta’ ħmistax (15)-il sena u Y ta’ tnax (12)-il sena (*vide* Doks. ‘B’ u ‘C’).

3. Il-partijiet huma legalment separati, skond kuntratt datat l-għaxra (10) ta’ Novembru tas-sena elf, disa’ mija, tmienja u disgħin (1998) fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella (*vide* Dok. ‘D’).

4. *Ai termini* tal-klawsola sitta (6) tal-kuntratt ta’ separazzjoni, il-kura u l-kustodja legali ta’ l-imsemmija minuri hija fdata f’idejn il-konvenuta intimata b’dana pero’ illi r-rikorrent esponent għandu d-dritt ta’ aċċess liberu għall-istess minuri (*vide* Dok. ‘D’).

5. *Inoltre*, *ai termini* tal-klawsola sebgħa (7) ta’ l-imsemmi kuntratt kull *children’s allowance, family bonus* u benefiċċji oħra simili jitħallsu lil, u jiġu perċepiti mill-konvenuta intimata (*vide* Dok. ‘D’).

6. Fis-sitta (6) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003), ir-rikorrent esponent qiegħed lill-minuri X f’*residential placement* fis-St. Patrick’s Salesian School and Home for Boys (*vide* Dok. ‘E’); f’dan iż-żmien l-imsemmi minuri kien diġa’ ilu madwar sentejn jirrisjedi mar-rikorrent esponent u dan peress illi l-konvenuta intimata espressament ma riditx lill-imsemmi minuri jgħix magħha. F’dan iż-żmien partikolari, ir-rikorrent esponent ma setax iżomm lill-imsemmi minuri jirrisjedi miegħu u dan peress illi hu kellu jiġi operat fid-dahar u għalhekk kien ukoll diżokkupat (*vide* Dok. ‘F’).

7. Sussegwentement, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta’ April tas-sena elfejn u sitta (2006), meta r-rikorrent esponent irkupra mill-operazzjoni surriferita, il-partijiet ftehmu li l-minuri X jeqleb għal *semi-residential placement* fis-St. Patrick’s Salesian School and Home for Boys; permezz ta’ dan il-ftehim ġie wkoll regolat l-aċċess għall-istess minuri (*vide* Dok. ‘G’). Dan il-ftehim qatt ma ġie rispettat mill-konvenuta intimata.

8. Il-minuri X ttermina r-*residential placement* tiegħu fis-St. Patrick’s Salesian School and Home for Boys fl-ewwel (1) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006), u ilu minn dakinhar jirrisjedi mar-rikorrent esponent (*vide* Doks. ‘E’ u ‘H’), espressament fuq xewqa ta’ l-istess minuri.

9. *Inoltre*, il-konvenuta intimata baqgħet tipperċepixxi l-benefiċċji soċjali kollha relatati mal-kura u l-kustodja ta’ l-imsemmi minuri X. Dan minkejja li r-rikorrent esponent jinsab diżokkupat u jiddependi fuq il-benefiċċji soċjali għall-għixien tiegħu. Ir-rikorrent esponent qiegħed preżentement ifittex impjieg u saħansitra ttermina programm ta’ taħriġ ma’ l-ETC (*vide* Dok. ‘I’) u jintendi jibda programm ieħor li jkompli ma’ dak illi għadu kemm ittermina.

10. Il-minuri X jinsab trawmatizzat mill-esperjenza tar-rifjut minn ommu li żżommu u tmantnih u għalhekk naturalment ma jixtieqx jgħix magħha; huwa qiegħed saħansitra preżentement jattendi servizz ta’ terapija minħabba f’hekk (*vide* Dok. ‘J’).

11. Ir-rikorrenti esponenti pprova kemm-il darba jilħaq ftehim mal-konvenuta intimata, senjatament permezz tal-medjazzjoni numru 1126/06 u permezz tal-medjazzjoni numru 1291/06. Hekk kif jirriżulta min-noti relattivi tal-medjatur tat-tmienja (8) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u tal-ħdax (11) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006), il-konvenuta intimata qatt ma attendiet għas-seduti tal-medjazzjonijiet surriferiti. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

12. Ir-rikorrenti esponent ġie debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti jipproċedi b’din il-kawża *ai termini* tad-digriet numru 1889/06, datat erbatax (14) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006) (Dok. ‘K’).

13. Ir-rikorrent esponent jaf personalment b’dawn il-fatti kollha.

Tgħid għalhekk il-konvenuta intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tvarja l-klawsola numru sitta (6) tal-kuntratt ta' separazzjoni surriferit datat l-għaxra (10) ta' Novembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, b'dana li tordna li r-rikorrent esponent jiġi fdat bil-kura u l-kustodja legali tal-minuri X u l-konvenuta intimata tingħata dritt ta' aċċess superviżjonat u regolat għall-istess minuri hekk kif jidhrilha xierqa u opportuna fiċ-ċirkostanzi din l-Onorabbli Qorti.

2. Tvarja l-klawsola numru sebgħa (7) ta' l-istess kuntratt b'dana li tillibera lir-rikorrenti minn kull obbligu ta' ħlas lil martu ta' manteniment għall-uliedu minuri, jew min minnhom.

3. Tvarja l-klawsla numru sebgħa (7) ta' l-istess kuntratt b'dana li r-rikorrent esponent jitħallas u jipperċepixxi kull benefiċċju soċjali relatat mal-kura u l-kustodja ta' l-imsemmi minuri X.

4. Tvarja, okkorrendo, dawk il-provvedimenti l-oħra tal-kuntratt, senjatament f'dak li jirrigwarda edukazzjoni u saħħa ta' l-imsemmija żewġ minuri, u tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

5. Tinnomina nutar sabiex jirrediġi, jirċievi u jippubblika l-att relattiv tal-korrezzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta ma ppreżentatx risposta ġuramentata u għalhekk hija kontumaċi skond il-liġi.

Rat l-affidavit ta' l-attur u semgħet lill-minuri *in camera*.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2007 li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tal-konvenuta biex tippreżenta risposta.

Rat il-verbal ta' l-istess seduta li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet fejn jirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-minuri X u naturalment dawk id-disposizzjonijiet ta' l-istess kuntratt li jitnisslu minn dan.

Il-konvenuta kif ingħad baqgħet kontumaċi u l-Qorti speċjalment wara li semgħet lill-minuri hija konvinta li għandha tilqa' t-talbiet kollha attriċi għall-benefiċċju ta' l-istess minuri. It-talba hija wkoll *ben sorretta* minn diversi dokumenti li esebixxa l-attur.

**Għaldaqstant il-Qorti fil-kontumaċja tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tal-ħames talba tinnomina lin-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att opportun u lill-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg bħala kuratur tal-kontumaċi fuq l-att illi għandu jiġi pubblikat fl-edifiċċju ta' din il-Qorti f'data li tiġi ffissata fuq talba ta' l-attur jew tan-nutar nominand; l-ispejjeż tal-kuntratt a kariku ta' l-attur, dawk tal-kawża bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------